KLR 61/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu 2018 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Anthony Briffa.

Saret minuta silenzju b'turija ta' rispett lejn Mro Joseph Vella li miet nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu 2018. Il-Professur Vella kien ingħata l-'Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria' mill-ewwel Kunsill nhar is-Sibt 15 ta' Frar 1997. Is-Sindku ssuġġerixxa li aktar il-quddiem isir kommemorazzjoni tas-surmast. Il-membri qablu.

Il-Kunsill ħa nota li l-*live streaming* jidher li ġarrab xi ħsara u għalhekk ser titqabbad l-persuna neċessarja sabiex titranġa din il-ħsara.

**61.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**61.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

61.2.1 Rigward l-appell li sar minn diversi bejjiegħa tal-monti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar il-membri ġew mgħarrfa li fid-9 t'April 2018 huma mitluba sabiex jitilgħu jixhdu. S'issa xehedu is-Supretendent tal-Pulizija Antonello Grech, Uffiċċjal minn *Transport Malta* Ruben Said u l-Perit Edward Scerri.

61.2.2 Sadanittant fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għad qed tinstema l-kawża li wħud mill-bejjiegħa tal-monti għamlu kontra l-Kunsill.

61.2.3 Tressqu l-minuti tal-laqgħat li saru l-Minsiteru għal Għawdex b'rabta mal-Proġett 'Gozo Museum' li saru nahr il-Ġimgġa 26 ta' Jannar 2018.

61.2.4 Saru rapporti l-għassa tal-Pulizija rigward vit tal-ilma li kien qed jintuża minn terzi, f'kamra li tiġi wara l-latrina ta' Triq taħt Putirjal u li tinsab fil-bini it-Tiġrija Palazz. Il-membri ġew mgħarrfa wkoll li dan il-vit ingħalaq kompletament.

**61.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

61.3.1 id-Direttur għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fuq l-Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund* 2018-2020 (it-Tieni sejħa), il-Kunsill tar-Rabat ser jingħata €4,000;

61.3.2 l-Awtorita' tal-Artijiet fejn il-Kunsilli ntalbu jinfurmaw lill-Awtorita' fir-rigward ta' każijiet pendenti li jista' jkollhom. Il-Kunsill ser jgħarraf lill-Awtorita' bil-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone;

61.3.3 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn intalbu r-responsabilitajiet tal-membri tal-Kunsill. Dawn huma hekk:- Is-Sindku - Fiannzi, Proġetti u Żvilupp, il-Viċi Sindku - Relazjonijiet Internazzjonali, Debrincat - Sport, Portelli – Fondi Ewropej, Buttigieg – Ambjent, Briffa – Żgħażagħ u Tabone – Kultura.

61.3.4 il-Ministeru għal Għawdex fejn ingħataw dettalji rigward l-attivita' li ser issir bejn id-19 u l-20 ta' Mejju 2018 li ġġib l-isem 'Gozo Alive'. Il-Kunsill intalab sabiex għal dawn il-ġranet joħroġ il-permessi tal-kjosks tal-ikel fit-tirq ta' bejn il-*playing filed* u l-*bus terminus* kif isir fil-festi titulari, il-*bars* tat-Tok ku ta' Pjazza San Ġorġ jarmaw *bar* barra l-ħanut bħal kif isir fil-festi pero' ma jitħallewx jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet is-Sibt 19 ta' Mejju 21018 wara l-17.00. Qed jintalab ukoll sabiex l-*area* ta' quddiem il-knisja ta' Savina tintuża biss għal ikel tradizzjonali u l-organiżżaturi ser ipoġġu l-imwejjed huma għall-użu tal-pubbliku in ġenerali. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni pero' jrid jintalab il-parir tas-Supretendent tal-Puilzija fuq dawn il-punti;

61.3.5 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iskema – 'Korsijeit *Lifelong Learning* 2018/2019';

61.3.6 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett tal-UE WiDi4eEU;

61.3.7 il-Kumistat Ċelebrazzjonijet Nazzjonali u Reġjonali fejn il-Kunsill ġie rringrazjat tal-koperrazzjoni għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival Reġjonali t'Għawdex 2018;

61.3.8 Dr. Chris Said qed jikteb għan-nom ta' Joe Cassar sid il-ħanut 'Colours' fi Pjazza Savina. Is-Sindku ħareġ mill-kamra waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-metarja. Il-membri ġew mgħarrfa li ntbagħtet korrispondenza lill-Bord tal-Gvernanza Lokali u l-Avukat tal-Kunsill irrispondiet fuqha skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Il-Perit Edward Scerri wkoll ikkorrisponda mal-Perit ta' Cassar fejn wera kif ġew imqassma l-kaxxi tal-monti skont ix-xewqat tal-kunsill u anke' li jitħalla spazju ta' żewġ metri bejn il-kaxxi tal-monti u l-kurduna tal-bankina ta' quddiem l-entratura tal-ħanut in kwistjoni. Il-bankina wkoll saret iżjed milli oriġinarjament proposta minħabba li fiha t-turġien u minħabba raġunijet ta' aċċessiblita' saret bankina oħra aktar 'il barra minnha b'mod li l-wisa' totali tal-bankina quddiem dan il-ħanut hi ta' 2.1m. Dan ifisser li l-kaxxi tal-monti huma 4.1m 'l barra mill-faċċata tal-ħanut. Wara li Cassar u l-Perit tiegħu iltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill, fl-aħar emejl tiegħu, Dr. Said issuġġerixxa li l-Kunsill iċaqlaq il-

kaxxi tal-monti 31 u 36 biex ma jibqgħux quddiem il-ħanut. Cassar issotni li dawn jistgħu jitpoġġew b'tali mod li jkunu wara xulxin. Il-membri qablu li sakemm għad hemm proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mal-bejjiegħa tal-monti rigward it-trasferiment tagħhom għal Pjazza Savina u sakemm għadu għaddej is-smiegħ tal-appell fil-Bord tal-Liċenzjar rigward l-allokazzjoni tal-posti fi Pjazza Savina, l-Kunsill ma jistax jibdel il-pjanti ta' dawn il-kaxxi. Il-Kunsill xorta ma jsibx oġġezzjoni li jintramaw imwejjed u siġġijiet dment li ma jiġux mittiefsa l-kaxxi tal-monti kif inhuma fil-preżent minħabba l-porċeduri tal-qorti msemmija;

61.3.9 il-Perit Edward Scerri fejn għarraf lill-Kunsill li l-Appell quddiem l-ERPT rigward il-pompa tal-pertol ta' Pjazza Savina ġie miċħud, jiġifieri t-tiġdid tal-permess bies isir xogħol fuq il-pompa ġie konfermat;

61.3.10 l-ERA fejn inħareġ il-permess sabiex jinżabbru s-siġar ta' Triq l-10 ta' Ġunju 1887;

61.3.11 il-Perit Edward Scerri fejn bagħat kopja ta' l-oġġezjoni li saret mal-Awtorita tal-Ippjanar rigward l-iżvilupp li sar minn sid id-dar 40 Triq Librerija fl-isqaq ta' maġenb din id-dar;

61.3.12 id-Direttur Eko Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ġew approvati €9,908.46 fir-rigward tal-iskema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Il-Kunsill kien applika sabiex jirrestawra n-niċċa tal-Madonna ta' Loreto fi Triq Għajn Qatet.

61.3.13 l-'Astra Folk Group' fejn għarraf lill-kunsill bis-servizzi li joffri;

**Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq**

Tressqu talbiet biex isiru bozzoz ġodda li huma:-

61.3.14 tnjen fi Triq Santa Dminka fl-*area* ta' kunvent ta' Manresa.
61.3.15 f'Qasam San Ġorġ faċċata ta' Triq Antonio Mallia;
61.3.16 fi Triq Santa Dminka faċċata ta' 'Lighthouse Supermarket';
61.3.17 fi Sqaq numru 4 fi Triq San Ġorġ;
61.3.18 fi Triq Sant Orsla mad-dar numru 99.
L-Enġiniera tad-dawl intalbu jieħdu ħsieb kif dawn għandhom isiru.

61.3.19 Tressqet talba sabiex bozza li qedgħa ma 21/23 fi Triq id-Dawwara titneħħa minħabba li dan il-psot ser jitwaqqa. L-applikant issuġġerixxa li din il-bozza teħel ma arblu ġdid li l-Enemalta għadha kif poġġiet quddiem dan l-istess post. L-Enġiniera tad-dawl għandhom jaraw dan huwiex fattibli.

**61.4 *Playing Field***

Is-Sinku għarraf lill membri li beda jitpoġġa l-bqija tal-*fence* ta' barra u qed titpoġġa wkoll il-ħamrija fis-*soft areas*. Saret *inspection* mis-Sinku u l-Viċi Sindku filmikien ma Wiliam Sultana fejn ġie stabilit x'hemm bżonn isir aktar biex il-*playing field* jinfetaħ.

Il-membru qablu li:-

- tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijet biex jiżdiedu l-pjanti u s-siġar f'dan is-sit;
- l-enġiniera tad-dawl jiġu mistoqsija fir-rigward tad-dawl tat-triq mad-dawra tal-*playing field;*
- il-Kunsill jerġa jistaqsi jekk huwiex possibli li l-*playing field* jibda jingħalaq kif tingħalaq il-Villa Rundle, bil-ħadidema tal-Villa Rundle stess. Dan sakemm tinbena l-kjosk u tiġi mikrija. Il-*playing filed* imbagħad tibda tinfetaħ u tingħalaq mill-persuna li tikri l-kjosk;
- it-tindif tal-*playing field* bit-tbattli tal-*litter bins* għandu jiġi nkluż mal-kuntratt tat-tindif tat-toroq;
- għandha tinstab possibilita' li jkun hemm sistema ta' CCTV.

**61.5 Tqegħid ta' mwejjed u siġġijet – Pjazza San Ġorġ**

Il-membri qalbu li l-kunsill għandu jistaqsi lill-Perit jekk jaċċettax li jara lis-sidien tal-ħwienet tax-xorb ta' Pjazza San Ġorġ fejn hu jara x'suġġerimenti għandhom waqt li s-segretarju eżekuttiv tal-Kunsill tieħu l-minuti.

**61.6 Approvazzjoni tax-xogħol li sar fi Triq Sir Arturo Mercieca – Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali**

Tressaq ir-rapport tal-Perit fejn ġie ċċertifikat ix-xogħol li sar fi Triq Sir Arturo Mercieca li l-ħlas għall-parti minn dan il-proġett ser titħallas mill-'Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali'.

**61.7 Pjazza Santu Wistin**

Is-Sindku suġġerixxa li qabel jibdew jitħejjew l-pjanti għal dan il-proġett ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti u s-sidien tal-ħwienet ta' din l-*area*. Din għandha ssir l-Ħamis 12 t'April 2018 fis-19.00 fis-sala tal-laqgġat fl-Oratorju Don Bosco. Għal din il-laqgħa għandu wkoll jattendi l-Perit Edward Scerri.

**61.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

61.8.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu u April 2018 skont dokument A u B annessi.

61.8.2 Tressaq il-kont li l-Kunsill irċieva fit-2 ta' Frar 2018, mingħand Joseph Mercieca rigward ix-xogħol ta' pavimentar li sar fi Triq San Ġorġ fl-2014. Dan ser jintbagħat lill-Peirt sabiex jiġi ċertifikat.

**61.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-
61.9.1 *bollard* fi Triq Palma kantuniera ma Triq Agius De Soldanis;
61.9.2 *double yellow lines* ma naħħa waħda ta' garaxx fi Triq 31 ta' Marzu;

61.9.3 *double yellow lines* fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx 'Ta' Vanġela' fi Triq Santa Dminka;

61.9.4 *un/laoding bay* fi Triq Santa Martha fejn l-istabiliment 'Citybel',
61.9.5 *un/laoding bay* fi Triq Fortuanto Mizzi bejn il-ħwienet 'tal-lira' u 'Lighthouse Supermarket';
61.9.6 *traffic mirror* fi Triq Sir Luiġi Camilleri;
61.9.7 rilokazzjni tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' li hemm fi Pjazza Savina. Dan ser ikun wara l-monument ta' Dun Alwiġ Vella.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-
61.9.8 parkeġġ biss għall-vetturi żgħar quddiem il-belvedere ta' Qasam San Ġorġ.

Il-membri qalbu li:-
69.9.9 ssir pjanta sabiex jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi;
61.9.10 d-*double yellow line* li hemm mal-*gate* tal-parkeġġ tal-kunvent ta' Santu Wistin isir *single yellow line*;
61.9.11 l-Kunsill jistaqsi rigward it-*traffic management* li kellu jsir minn TM fl-*area* ta' Qasam San Ġorġ quddiem il-ħanut ' il-Mehrież'.

61.9.12 Il-membri ma sabux oġġezzjoni għas-suġġeriment ta' TM sabiex isir *double yellow line* temporanju n-naħħa ta' ġew tas-*central strip* ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu. Dan sakemm jitlesta l-bini ta' 'Arc En Ciel' minħabba li t-trukkijiet li qed jintużaw għall-kostruzzjoni mhux qed ikunu jistgħu jimmanuvraw.

61.9.13 Minn Eko-Għawdex intalbu suggerimenti ta' postijiet fejn jistgħu isiru *bicycle stands*. Il-Kunsill issuġġeriuxxa li jsiru fi Pjazza Indipendenza fuq il-latrina tal-irġiel.

**61.10 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

61.10.1 ssir applikazzjoni sabiex mill-'Urban Imporvement Fund' (UIF) tal-Awtorita' tal-Ippjanar, ikunu jistgħu jinġabu fond sabiex jinbidlu l-fanali tad-dawl taċ-ċentru tar-Rabat minħabba l-fatt li dawn qdiemu u ilhom li saru 'l fuq minn għoxrin sena;

61.10.2 titranġa l-parti tal-*culvert* li hemm miżduda fejn il-ħanut 'Il-Mehrież' f' Qasam San Ġorġ li jwassal sal-Wied tal-Lunzjata;

61.10.3 jiġi organiżżat 'weekend break' kulturali għar-residenti Rabtin bejn il-Ġimgħa 4 ta' Mejju u l-Ħadd 6 ta' Mejju 2018;

61.10.4 jinżabru s-siġar tal-*playing field* tal-Ċawla, inkluż is-sigar tal-palm;

61.10.5 l-Perit għandu jmur fuq il-post sabiex jara jekk hemmx ħsara fuq it-tappieri li hemm quddiem id-djar 25, 26, 27 fi Pjazza Savina. Għandu wkoll jara jekk hemmx bzonn li jitqaxxar il-*gutter* minħabba l-pendil tal-ilma tax-xita;

61.10.6 l-Kunsill jipparteċipa fil-Festival Gaulitana. L-ispiża m'għandiex teċċedi l-€1,250;

61.10.7 l-Kunsill jipparteċipa fil-proġett Cobatour bħal *partner*. M'hemmx spejjes involuti;

61.10.8 fix-xhur li ġejjin il-Kunsill jippartċipa fil-proġett Magna Żmien. M'hemmx spejjes involuti;

61.10.9 fit-22 ta' April 2018, l-Kunsill jipparteiċpa fin-'Nationwide Spring Clean Up Earth Day 2018' fejn ser jitnadfu l-Wied ta' Żejta u Wied Sara. Il-Kunsill għandu jipprovdi l-materjal u l-boroż biex ikun jista' jsir dan it-tindif;

61.10.10 l-Kusill jikkopera mal-Kumitat Eko-skola tal-iskejjel sekondarji t'Għawdex.

**61.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 26 t'April 2018 fis-19.00

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv